# Kuntratt Nutarili datat 1881

*Pinu Axiaq, Prokuratur*

**Numru 209**

## Donazzjoni

Illum 27 ta' Lulju 1881

L-Illustrissimi Sinjuri Monsinjur Kjeriku Duttur Francesco, Duttur Luigi, bin il-mejjet Salvatore, u s-Sinjorini Katerina, Vincenza, Maria u Anna, aħwa Spiteri Agius, fis-sena elf tmien mija u tnejn u sebgħin kienu rregalaw u kkonsenjaw lill-Imqaddsa Knisja parrokkjali ta' Casal Qrendi, u għalkemm "brevi manu" lill-Prokuratur tagħha ta' dak iż-żmien, il-mejjet Reverendu Sinjur Saċerdot Dun Ferdinandu Magri apparat rikk ġdid tal-lama tad-deheb fin għall-użu ta' l-imsemmija Knisja f'ċerti sollennitajiet. Issa, peress li l-istess Sinjuri Spiteri Agius iridu jimxu max-xewqa ta' l-Illmu. u Wisq Reverendu Sinjur Saċerdot Dun Pawl Xuereb, Duttur fis-Sagra Teoloġija u Kappillan ta' dik l-Imqaddsa Knisja, jiġifieri li jniżżlu f'att pubbliku dik id-donazzjoni diġà magħmula, u li l-aċċettazzjoni tagħha b'kundizzjonijiet magħmula mill-istess Knisja ġiet diġà mogħtija fuq rikors ta' l-istess Reverendu Kappillan b'digriet mogħti fil-wieħed u għoxrin ta' Ġunju elf tmien mija tnejn u sebgħin, mill-mejjet Monsinjur Isqof Djoċesan Fra Gaetano Pace Forno fil-persuna ta' l-imsemmi mejjet Sinjur Saċerdot Magri fil-kwalità tiegħu ta' Prokuratur.

Għaldaqstant qed issir l-istipulazzjoni tal-kuntratt preżenti,-

Li bis-saħħa tiegħu llum il-ġurnata fuq imsemmija dehru quddiemna Nutar u xhieda hawn taħt iffirmati, li għandhom il-meħtieġ mitlub mil-liġi, l-Illustrissimu u Reverendissimu Sinjur Kjeriku Monsinjur Duttur Francesco Spiteri Agius, Kamerier Sigriet tal-Qdusija Tiegħu, l-Illustrissimu Sinjur Duttur Luigi Spiteri Agius Bonici u l-Illustrissimi Nobbli Sinjorini Katerina, Vincenza, Maria u Anna ċelibi Spiteri Agius, ilkoll aħwa mwielda u joqogħdu f'din il-Belt Valletta, ulied il-mejjet Ġentlom Sinjur Giuseppe, minni Nutar magħrufa preżenti, filwaqt li jidhru fuq l-att preżenti anki bħala uniċi eredi ta' l-imsemmi ħuhom Sinjur Salvatore Spiteri Agius, minn jeddhom, u bil-bona volontà tagħhom ikkonfermaw u jikkonfermaw, irratifikaw u jirratifikaw għalihom infushom u għall-eredi u suċċessuri tagħhom l-imsemmija donazzjoni magħmula, b'dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin lill-imsemmija Imqaddsa Knisja Parrokkjali ta' Casal Qrendi taħt it-titlu ta' Marija Santissima Imtellgħa fis-Sema, preżenti għall-istess l-attwali Prokuratur tagħha l-Perillustri u Wisq Reverendu Sinjur Saċerdot Duttur fis-Sagra Teoloġija Dun Franġisk Bugeja mwieled u joqgħod fl-imsemmi Casal Qrendi, bin il-benestant Sinjur Pietru, minni Nutar ukoll magħruf preżenti, u li qed jaċċetta bis-saħħa ta' l-abbilitazzjoni mogħtija lil-predeċessur tiegħu fl-imsemmija prokura bl-imsemmi Digriet ta' Monsinjur Djoċesan tal-wieħed u għoxrin ta' Ġunju elf tmien mija tnejn u sebgħin, li kopja legali tiegħu hija mdaħħla wara l-preżenti biex tiġi ma' l-istess reġistrata, l-imsemmi apparat ġdid tad-deheb li jikkonsisti fi tliet pjaneti bil-meħtieġ tagħhom, tliet dalmatiċi tuniċelli bil-meħtieġ tagħhom, ħames pivjali, sopraleġiju, baldakkin bl-umbrella tiegħu, dawn l-imsemmija paramenti huma mżejna fejn meħtieġ b'galluni u frenżi tad-deheb fin u kollha nfurrati bil-ħarir. Barra minn hekk velumeral tal-lama tal-fidda kollu mżejjen b'lavuri tad-deheb fin b'galluni u frenża wkoll tad-deheb fin u nfurrat bil-ħarir.

Liema dikjarazzjoni u konferma ta' donazzjoni qed tiġi u tiftiehem magħmula taħt dawn il-kundizzjonijiet u mhux xort'oħra.

L-ewwel, li l-imsemmija Knisja Parrokkjali tal-Qrendi donatarja tkun obbligata in perpetwu li tiċċelebra gratwitament fil-ġurnata erbatax ta' Awissu ta' kull sena, lejlet il-festa titolari, quddiesa letta li tiġi applikata skond l-intenzjoni tas-Sinjuri Donanti tant f'ħajjithom kemm wara mewthom, bil-bidu minn din is-sena minflok l-imsemmija quddiesa kantata gratwita perpetwa, li kienet diġà stabbilita bl-imsemmi digriet fil-ġurnata msemmija permezz ta' l-istess donanti; li mis-sena tal-kunsinna magħmula ta' l-imsemmi apparat ġiet dejjem magħmula sas-sena elf tmien mija u tmenin, u għalhekk din il-quddiesa kantata mil-lum 'il quddiem għandha tispiċċa u minflokha tidħol biss l-imsemmija quddiesa letta, sabiex tonqos l-ispiża għall-imsemmija Knisja.

Is-Sinjuri Kontraenti għal kull bon fini u effett iddikjaraw u jiddikjaraw li l-imsemmija Knisja Parrokkjali donatarja prinċipalment ġiet imgħobbija u

obbligata, kif qed titgħabba u tiġi obbligata mill-imsemmi piż ta' quddiesa letta kull sena in perpetwu minħabba l-kapital li l-istess Knisja donatarja għad tifforma mill-prezz tal-flus li ddaħħal mill-istess apparat, il-galluni u l-frenżi fini tiegħu, meta biż-żmien u bl-użu jkun ittiekel u ma jistax jintuża aktar, u b'konsegwenza maħruq, u mhux xort'oħra.

It-tieni, li l-imsemmi apparat jista' jintuża biss fl-imsemmija Imqaddsa Parrokkjali tal-Qrendi fil-Festa ta' l-Għid Imqaddes meta dakinhar jaħbtu l-Kwaranturi tal-Korpus Domini - filwaqt li tal-Madonna ta' Lourdes tibqa' tiġi solennizzata bl-akbar pompa bħal fil-preżent, u fil-festa titolari ta' l-Assunzjoni tal-Beata Verġni Marija fis-Sema.

It-tielet, fl-aħħarnett, li jibqa' espressament ipprojbit għal kull żmien ġejjieni li jingħata tant b'self gratwit kemm b'self l-imsemmi apparat tant kollu kemm hu, kemm kwalunkwe parti tiegħu lil kwalsijasi Knisja oħra ta' l-istess raħal, u ta' band'oħra, għal kwalunkwe kawża, raġuni jew skuża, u mhux xort'oħra.

Mgħarrfa s-Sinjuri Kontraenti minni msemmi Nutar mill-importanza ta' kull parti ta' l-att preżenti.

Magħmul, moqri u ppubblikat f'Malta fil-Belt Valletta u fid-dar fejn joqogħdu l-imsemmija aħwa Spiteri Agius li tinsab fi Strada Rjali bin-numru tlieta u erbgħin fil-preżenza ta'l-iskrivani Salvatore Preca, bin il-mejjet Alfonso mwieled fil-Belt Valletta u joqgħod fil-Furjana, u Ġużeppi Agius bin il-mejjet Franġisk imwieled f'Birkirkara u joqgħod fil-Furjana, xhieda li jistqarru li ma jiġux jew huma mħalltin mas-Sinjuri Kontraenti fil-gradi mitluba mil-liġi.

Mons. K.ku Dr. Francesco Spiteri Agius
Dr. Luigi Spiteri Agius Bonici
Caterina Spiteri Agius
Vincenza Spiteri Agius
Maria Spiteri Agius
Anna Spiteri Agius
Sac.te Dr. Francesco Bugeja - Prokuratur kif fuq
Salvatore Preca - xhud
Giuseppe Agius - xhud
Giuseppe Antonio Parodi - Nutar Pubbliku Malti

Estratt mill-Oriġinal tiegħu li jinsab fil-Volum tas-Suppliki miżmum fil-Magna Curia Episcopali ta' Malta.
1872

Eċċellenza Reverendissima,

Rikors umli tas-Saċerdot Pawlu Xuereb Kappillan ta' l-Imqaddsa Knisja Parrokkjali tal-Qrendi.

Jesponi bil-qima,- li s-Sinjuri Aħwa Spiteri Agius ulied il-mejtin Ġentlom Sinjur Giuseppe u Ġentloma Sinjura Gaetana tal-Belt Valletta, barra minn ħafna doni diġà mogħtija fl-imgħoddi lill-imsemmija Mqaddsa Knisja Parrokkjali, dawn il-ġranet taw ukoll lill-istess apparat sħiħ rikk u manifiku tal-lama b'fili tad-deheb komplet tal-valur ta' diversi eluf ta' skudi biex jintuża fil-sollennitajiet maġġuri ta' prima klassi.

Li peress li huwa don tant kbir, u b'sinjal ta' rikonoxxenza grata, l-imsemmija Sinjuri donaturi jixtiequ li l-Veneranda Lampada mwaqqfa fl-istess Knisja tobbliga ruħha b'Atti lejhom għaċ-ċelebrazzjoni ta' Quddiesa waħda kantata sempliċi fis-sena in perpetwu lejlet l-Assunta Titolari tal-Parroċċa skond l-intenzjoni tagħhom, u b'suffraġju ta' ruħhom wara mewthom.

Li għal din it-talba, li bi proporzjon tad-don hija żgħira ħafna, l-imsemmija Veneranda Lampada ma tkunx soġġetta ħlief biss għall-ispiża ta' għoxrin tari fis-sena barra mix-xemgħa: piż li liberament tista' tidħol għalih minkejja li l-finanzi tagħha huma żgħar ħafna.

Għaldaqstant l-Oratur jitlob lill-Eċċellenza Tiegħek Rev.ma li tindenja tabbilita lill-Prokuratur attwali ta' l-istess Veneranda Lampada, is-Saċerdot Dun Ferdinandu Magri, tant sabiex ikun jista' jersaq għall-istipulazzjoni tal-kuntratt mitlub għall-obbligazzjoni espressa, kemm għall-pagament annwali ta' l-ispiża meħtieġa għaċ-ċelebrazzjoni ta' l-imsemmija Quddiesa Kantata.

Fid-dawl ta' l-espost nabbilitaw lill-Prokuratur tal-Ven. Lampada ta' l-Imqaddsa Knisja Parrokkjali tar-raħal tal-Qrendi biex isir dak mitlub.

Mogħti fil-Belt Valletta fil-Palazz Ar.iv. Tagħna
21 ta' Ġunju 1872.

Fr.C. Arċisqof Isqof ta' Malta

Sac.Em. Corsoni Kanċillier.